**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 5 ta` April 2018**

**Kawza Nru. 4**
**Rikors Nru. 167/2018JZM**

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C 35984)**

***kontra***

**(i) The Real Food Packer Limited (C 38301)**
**(ii) Frances Borg (ID No. 346947M)**
**(iii) Alfred Borg (ID No. 820447M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-22 ta` Frar 2018 li jaqra :–

1. *Illi s-socjeta` intimata The Real Food Packer Limited ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` hmistax–il elf seba` mija u hames Euro u erbatax –il centezmu (€15,705.14) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-prodotti tal-ikel lilha mibjugha u lilha konsenjati.*

2. *Illi permezz ta` credit application form iffirmata minnhom fit-22 ta` Dicembru 2009 (Dok. A) l-intimat Frances Borg u Alfred Borg ikkostitwew ruhhom garanti solidali u indivizibbli flimkien mas-socjeta` The Real Food Packer Limited ghaf-favur tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward ta` kwalunkwe debitu li s-socjeta` intimata The Real Food Packer Limited setghet tinkorri mas-socjeta` rikorrenti.*

3. *Illi ghaldaqstant it-tlett intimati ghandhom solidalment u indivizibilment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq imsemmija ta` hmistax –il elf seba` mija u hames Euro u erbatax –il centezmu (€15,705.14).*

4. *Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehema tas-socjeta` rikorrenti l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x`jaghtu ghat-talba ghall-hlas.*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess, u dispensat is-smieh tal-kawza a termini tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta):*

*i. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati ghandhom solidalment u indivizibilment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` hmistax–il elf seba` mija u hames Euro u erbatax–il centezmu (€15,705.14) rapprezentanti l-bilanc ta` prezz ta` prodotti tal-ikel mibjugha u konsenjati lis-socjeta` intimata The Real Food Packer Limited, li taghha z-zewg intimati l-ohra Frances Borg u Alfred Borg huma garanti solidali u indivizibbli kif fuq imfisser.*

*ii. Tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment u indivizibilment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` hmistax–il elf seba` mija u hames Euro u erbatax –il centezmu (€15,705.14).*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numerat prezentat kontestwalment, u bl-imghaxx kummercjali komputat mid-19 ta` Dicembru 2016, li hija d-data tal-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fis-27 ta` Marzu 2018 a tenur tal-Art 170(1) tal-Kap 12.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li pprezentat il-kumpannija attrici fl-udjenza tal-lum li permezz taghha rriduciet t-talba taghha ghal ghaxart elef u sebghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,070.54).

Rat ukoll illi fl-istess udjenza l-kumpannija attrici talbet il-hlas tal-imghax legali b`effett mit-22 ta` Frar 2018 - data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Rat illi fl-istess udjenza, in vista tan-nota ta` riduzzjoni tal-kumpannija attrici u tad-dikjarazzjoni taghha dwar l-imghax, il-konvenuti kollha pprezentaw nota ta` ammissjoni tat-talba attrici kif ridotta, kif ukoll accettaw li jhallsu l-imghax legali kif dikjarat waqt l-istess udjenza.

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Riferibbilment ghall-ewwel (1) talba, tiddikjara li l-intimati ghandhom solidalment u indivizibilment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ridotta ta` ghaxart elef u sebghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,070.54) rapprezentanti l-bilanc ta` prezz ta` prodotti tal-ikel mibjugha u konsenjati lis-socjeta` intimata The Real Fooid Packer Limited, li taghha z-zewg intimati l–ohra Frances Borg u Alfred Borg huma garanti solidali.**

**Riferibbilment ghat-tieni (2) talba tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment u indivizibilment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ridotta ta` ghaxart elef u sebghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€10,070.54) bl-imghax legali b`effett mit-22 ta` Frar 2018 – data tal-presentata tar-rikors guramentat.**

**Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**